# L-ISTATWA TITULARI

FESTA SANT' ANDRIJA 1998

## ta' Sant' Andrija

Fil-ktieb "L-Istorja ta' Malta bil-Gżejjer tagħha" ta Pietru Pawl Castagna nsibu tifsira ta' kif kienu jsiru l-festi fil-gżejjer tagħna lejn l-aħħar tas-seklu tmintax. "Sas-sena 1777 fil-purċissjoni tal-festi, l-kant kien isir falsobordun, bi vjolinċelli u xi vjolini. Dan, bil-ftit il-ftit, inqata' u ma sarx iżjed. Quddiem l-ewwel standard ta' kull purċissjoni li kienet issir, kienu jinġiebu xi żewġ tnabar u suffara jew tnejn. Il-banda, imbagħad, fil-purċissjoni bdiet fis-sena 1777, bl-impenn tal-Granmastru De Rohan, alllura meta pproġetta u ordna illi l-festi tal-knejjes għandhom isiru bl-akbar pompa tant ġewwa u kemm barra, sabiex il-poplu jallegra ruħu u jkollu biex jehda u hekk ma joqgħodx jappella u jeħodha mal-gvern u ma' l-impjegati tiegħu."

L-festi kibru u hekk ġara wkoll fir-raħal taghna u aktar ma kibret il-festa aktar il-Ħalluqin bdew jitħajjru jagħmlu statwa ta' l-appostlu protettur tagħhom Sant' Andrija biex jkunu jistgħu joħorġuha fil-purċissjoni. Hekk naraw li skond ma nsibu fid-dokumenti tal-Viżti Pastorali fl-Arkivji Arċiveskovili tal-Kurja, fl1781, l-isqof Labini ra l-Istawa lesta fin-niċċa tagħha ħdejn il-fonti tal-magħmudija. Sfortunatament ma għandna l-ebda dokumentazzjoni li turi minn kien l-artist li minn idejh ħarġet din l-opra, hawn min jistaqsi jekk din hiex xogħol l-iskultur Ħalluqi Pietru Saliba.

Din l-istatwa ġiet irrestawrata fl-1913, jiġifieri, 85 sena ilu mill-iskultur Bormliż Abram Gatt. Il-poplu ta' Ħal Luqa laqgħa din l-istatwa nhar il-Ħadd 23 ta' Novembru 1913 fit-tarf tar-raħal wara li din kienet ġiet irrestawrata u ndurata. Dik is-sena wkoll saru il-bradella u l-bankun ta' l-istatwa. Dawn inħadmu minn Luqa Griscti fuq disinn ta' l-istess Abram Gatt. It-tnax -il Appostlu li hemm fil-bankun kienu gew ordnati fl-Awstrija. Għal din l-okkażjoni tlieta biss kienu laħqu waslu. Dik is-sena il-purċissjoni bdiet tgħaddi mit-toroq tal-Karmnu, ir-Rixtellu, San Pawl, San Guzepp, San Gorg u Sant' Andrija, kif għada tgħaddi sal-ġurnata tal-lum.

*Referenzi:* **"Ħal Luqa - Niesha u Ġrajjietha"** ta' Dun J Micallef

DAR TAL-PROVIDENZA SIGGIEWI

Milli pprovdietlek IL-PROVIDENZA
għin lid-DAR TAL-PROVIDENZA